KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK
ippreżentati fit-8 ta' Settembru 2011 [1]

I — Introduzzjoni

1. It-talba għal deċizjoni preliminari preżenti tal-Okresni soud v Cheb (ir-Repubblika Ċeka, iktar 'il quddiem "il-qorti tar-rinviju") tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materja ċivili u kummerċjali [2].

2. Il-qorti tar-rinviju fis-sustanza essenzjalment tistaqsi jekk id-disposizzjonijiet tal-Regolament Nru 44/2001 jipprekludux l-applikazzjoni ta' regola nazzjonali li skontha, meta jiġi ppreżentat rikors kontra l-konvenut li d-domiċilju tiegħu ma huwiex magħruf, jista jinħatar kuratur li jirrappreżenta lill-konvenut fil-kuntest tal-proċedura. Din il-kawża tippreżenta, mill-perspettiva ta' kontenut, rabta mal-kawża G. (C-292/10) [3] fejn ġew indirizzati domandi parzjalment analogi.

3. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk, fir-rigward tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001, għandhiex ġurisdizzjoni meta jissejjaħ kuratur fir-rigward tal-mertu tal-kawża mingħajr oġġezzjoni rigward in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju (iktar 'il quddiem id-"dehra quddiem il-qorti mingħajr oġġezzjoni").

4. Barra minn dan, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali jistax ukoll jinvolvi b'mod impliċitu l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001 u jekk il-possibbiltà ta' nuqqas ta' infurzabbiltà tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali minħabba n-natura abbużiva tiegħu fir-rigward tal-Artikolu 3 (1) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur [4] għandhiex impatt fuq il-validità tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.

3 — ĠU 2010, C 346, p. 23.

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

II — Il-liġi applikabbli

A — *Id-dritt tal-Unjoni* [5]

1. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

5. L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Karta") jistabbilixxi d-dritt għal rimedju effettiv u għal qorti imparzjali. Il-paragrafi 1 u 2 tiegħu jipprovdu:

"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata."

2. Ir-Regolament Nru 44/2001

6. Ir-Regolament Nru 44/2001 jinkludi regoli dwar il-ġurisdizzjoni, ir- rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [6]. Il-Premessi 2, 3, 11 u 13 tiegħu jipprovdu:

"(2) Ċerti differenzi bejn regoli nazzjonali li jirregolaw il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent ta' sentenzi jfixklu l-operat tajjeb tas-suq intern. Disposizzjonijiet biex jiġu unifikati r-regoli ta' kunflitt ta' ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali u sabiex jħaffu l-formalitajiet bl-iskop ta' għarfien malajr u sempliċi u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi minn Stati Membri marbuta b'dan ir-Regolament huma essenzali.

(3) Din iż-żona tinsab fil-qasam ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 65 tat-Trattat

[...]

(11) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom jiġu mbassra minn qabel u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut u l-ġurisdizzjoni għandha

5 — Skont id-deskrizzjonijiet użati mit-Trattat UE u mit-TFUE, il-kunċett "dritt tal-Unjoni" huwa użat bħala kunċett ġenerali li jiddeskrivi id-dritt Komunitarju u d-dritt tal-Unjoni. Sa fejn, iktar 'il quddiem, huma kkonċernati dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, ser jiġu ċċitati d-dispożizzjonijiet applikabbli *ratione temporis*.

6 — Minn hawn 'il quddiem ser isir riferiment għad-dispożizzonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 li huma applikabbli għal meta seħħew il-fatti.

dejjem tkun disponibbli fuq dan il-lat ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tal-materja tal-litigazzjoni jew ta' awtonomija tal-partijiet tkun teħtieġ fattur differenti. Id-domiċilju ta' persuna ġuridika għandu jiġi definit b'awtonomija u b'hekk jagħmel ir-regoli komuni aktar trasparenti u jevita kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

(2) Persuni li mhumiex ċittadini tal-Istat Membru li fih ikunu domiċiljati għandhom jaqgħu taħt ir-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli għal ċittadini ta' dak l-Istat.

Artikolu 3

[...]

(1) Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jiġi mfittxija fil-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla f'Sezzjonijiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu

(13) B'relazzjoni ma' assigurazzjoni, kuntratti tal-konsumatur u impjieg, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa b'regoli ta' ġurisdizzjoni l-aktar favorevoli għall-interessi tiegħu milli hemm provduti fir-regoli ġenerali."

(2) B'mod partikolari r-regoli ta' ġurisdizzjoni nazzjonali mniżżla fl-Anness I ma japplikawx kontra tagħhom.

Artikolu 4

7. Il-Kapitolu II tar-Regolament jinkludi regoli dwar il-ġurisdizzjoni. Is-Sezzjoni 1 ta' dan il-kapitolu tinkludi disposizzjonijiet ġenerali. L-Artikoli 2, 3, u 4 tar-regolament, li jidhru f'din is-Sezzjoni, jipprovdu:

(1) Jekk il-konvenut ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru, il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kull Stat Membru għandha, bla ħsara għall-Artikoli 22 u 23, tkun determinata bil-liġi ta' dak l-Istat Membru.

"*Artikolu 2*

(1) Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru.

(2) Kontra tali konvenut, persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', independentament min-nazzjonalità tagħha, tapprofitta ruħha f'dak l-Istat mir-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli hemmhekk, u b'mod partikolari dawk speċifikati fl-Anness I, bl-istess metodu bħal ċittadini ta' dak l-Istat."

8. It-taqsima 4 tirregola l-ġurisdizzjoni f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti konklużi mill-konsumaturi. Hija tinkludi l-Artikoli 15, 16 u 17. L-Artikolu 15 jipprovdi:

"(1) F'materji li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratt konkluż minn xi persuna, il-konsumatur, għal skop li jista' jkun meqjus 'l hinn minn negozju jew professjoni tiegħu, il-ġurisdizzjoni għandha tiġi determinata b'din is-Sezzjoni, mingħajr preġudizju għall-Artikolu 4 u punt 5 tal-Artikolu 5, jekk:

[...]

b) ikun kuntratt għal self li jitħallas bin-nifs, jew għal xi għamla oħra ta' kreditu, magħmula sabiex tiffinanzja l-bejgħ ta' oġġetti; jew

c) fil-każijiet l-oħra kollha, il-kuntratt ikun ġie konkluż ma' persuna li tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur jew, b'xi mezzi, [t]mexxi tali attivitajiet għal dak l-Istat Membru jew għal diversi Stati inklużdak l-Istat Membru, u li l-kuntratt jidħol fl-iskop ta' attivitajiet bħal dawk."

L-Artikolu 16(2) tar-Regolament jaqra kif gej:

"Jistgħu jitressqu proċeduri kontra konsumatur mill-parti l-oħra tal-kuntratt biss fil-qrati ta' l-Istat Membru li fih ikun domiċiljat il-konsumatur."

L-Artikolu 17 (3) ta' dan ir-Regolament jistipula:

"Id-disposizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni jistgħu jitwarrbu biss bi ftehim:

[...]

3) li jkun sar mill-konsumatur u l-parti l-oħra tal-kuntratt li t-tnejn li fil-waqt tal-konklużjoni tal-kuntratt ikunu domiċiljati jew ikunu abitwalment residenti fl-istess Stat Membru, u li jagħti l-ġurisdizzjoni lill-qrati ta' dak l-Istat Membru, sakemm ftehim bħal dak ma jkunx kuntrarju għal-liġi ta' dak l-Istat Membru."

9. Is-Sezzjoni 7 tar-Regolament Nru 44/2001 tikkonċerna ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni u tinkludi l-Artikoli 23 u 24.

10. L-Artikolu 23(5) tar-Regolament jipprovdi:

"Ftehim dwar disposizzjonijiet ta' strument ta' fiduċja li jagħti ġurisdizzjoni m'għandux ikollhom forza legali jekk dawn ikunu kuntrarji għall-Artikoli 13, 17 jew 21, jew jekk il-qrati li l-ġurisdizzjoni tagħhom dawn iridu jeskludu jkollhom il-ġurisdizzjoni esklussiva bis-saħħa ta' l-Artikolu 22."

11. L-Artikolu 24 tar-Regolament jipprovdi kif ġej:

"Apparti mill-ġurisdizzjoni li toħroġ minn dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, qorti ta' Stat Membru fejn il-konvenut ikun deher għandha jkollha l-ġurisdizzjoni. Din ir-regola m'għandiex tapplika meta d-dehra kienet saret biex [t]kun ikkontestat[a] il-ġurisdizzjoni, jew meta qorti oħra jkollha ġurisdizzjoni esklussiva bis-saħħa ta' l-Artikolu 22."

12. L-Artikolu 26(1) u (2) tal-istess Regolament jipprovdi:

"(1) Meta konvenut domiċiljat fi Stat Membru wieħed ikun infittex f'qorti ta' Stat Membru ieħor u li ma jidhirx quddiem il-qorti, il-qorti għandha tiddikjara bl-inizjattiva tagħha stess li m'għandhiex ġurisdizzjoni sa kemm il-ġurisdizzjoni tagħha ma tkunx ġejja mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(2) Il-qorti għandha twaqqaf il-proċedimenti sakemm ma jkunx jidher li dak il-konvenut seta' rċieva d-dokument li jiftħu l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti sabiex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu jew li jkunu ttieħdu l-passi kollha meħtieġa għal dan il-għan."

13. Il-Kapitolu V tar-Regolament jinkludi disposizzjonijiet ġenerali. L-Artikolu 59 tar-Regolament, inkluż f'dan il-kapitolu, jipprovdi:

"(1) Sabiex ikun iddeterminat jekk parti jkollhiex id-domiċilju fl-Istat Membru li l-qrati tiegħu ikunu invokati bil-materja, il-qorti għandha tapplika il-liġi interna tagħha.

(2) Jekk parti ma tkunx domiċiljata fl-Istat Membru li l-qrati tiegħu ikunu invokati bil-materja, allura, sabiex ikun iddeterminat jekk parti jkolliex id-domiċilju fi Stat membru ieħor, il-qorti għandha tapplika il-liġi ta' dak l-Istat Membru."

14. Il-Kapitolu VII tar-Regolament jirregola r-relazzjoni tiegħu mal-bqija tal-instrumenti legali. L-Artikolu 67, inkluż f'dan il-kapitolu, jipprovdi:

"Dan ir-Regolament m'għandux jippreġudika l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet li jirregolaw ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza f'materji speċifiċi li jinstabu fi strumenti tal-Komunità jew f'leġislazzjoni nazzjonali armoniżżata bis-saħħa ta' strumenti bħal dawn."

3. Id-Direttiva 93/13

15. Id-Direttiva 93/13 tistabbilixxi l-klawżoli abbużivi f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi.

16. L-Artikolu 3 tagħha jipprovdi:

"Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbliġi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

[...]

3. L-Anness fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati abbużivi."

17. Il-punt q) tal-Anness jittratta klawżoli fissens tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmija Direttiva li għandhom bħala għan jew effett li jħassru jew li jostakolaw l-eżerċizzju tal-azzjonijiet quddiem il-qorti jew rimedji ġudizzjarji mill-konsumatur, b'mod partikolari billi jobbligaw lill-konsumatur jinterpella esklużivament tribunal ta' arbitraġġ li ma huwiex koperta b'disposizzjonijiet legali, u billi jillimitaw inġustament il-provi għad-disposizzjoni tal-konsumatur jew billi jimponu fuq il-konsumatur oneru tal-prova li, fid-dawl talliġi applikabbli, jappartjeni normalment għal parti oħra fil-kuntratt.

18. L-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 5 jipprovdu:

"Fil-każ ta' kuntratti fejn ċerti klawżoli jew il-klawżoli kollha offruti lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawn il-klawżoli għandhom ikunu abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar. Fejn ikun hemm dubju dwar it-tifsir ta' klawżola, għandha tirbaħ l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-konsumatur."

19. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva jistipula:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konklużma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli abbużivi."

B — *Id-dritt nazzjonali*

20. L-Artikolu 173(1), tal-Občanský soudní řád (Kodici tal-Proċedura Ċivili; iktar 'il quddiem "l-OSŘ") jipprovdi li l-ordnijiet għal ħlas għandhom jiġu nnotifikati personalment lill-konvenut.

21. Fid-dawl tal-Artikolu 29(3) tal-OSŘ, jista' jiġi nnominat kuratur għal parti fil-kawża li d-domiċilju tagħha ma jkunx magħruf u li ma setgħetx tkun innotifikata f'indirizz magħruf f'pajjiż ieħor, li tbati minn marda mentali jew li għal xi raġuni oħra medika, ma tistax tidher fil-proċeduri, anki jekk temporanjament, jew li ma tistax tesprimi ruħha b'mod ċar.

III — Il-fatti, il-proċedura quddiem il-qrati nazzjonali u d-domandi preliminari

A — *Il-fatti*

22. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali hija persuna ġuridika rregolata mid-dritt Ċek, li għandha l-uffiċju rreġistrat tagħha fir-Repubblika Ċeka. Il-konvenut fil-kawża prinċipali huwa ċittadin Ġermaniż.

23. Ir-rikorrenti u l-konvenut fil-kawża prinċipali kkonkludew, fid-19 ta' Awwissu 2005, kuntratt ta' self ipotekarju. Dan is-self kellu jiffinanzja l-akkwist ta' proprjetà immobbli. Fid-data tal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt, il-konvenut prinċipali kien domiċiljat fir-Repubblika Ċeka.

24. Fl-Artikolu 8(8) ta' dan il-kuntratt ta' self, ir-rikorrenti u l-konvenut fil-kawża prinċipali kienu qablu li f'każ ta' kontroversja jkollha ġurisdizzjoni l-qorti li fiha tkun tinsab is-sede tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif irreġistrat fir-reġistru kummerċjali fid-data tal-preżentata tar-rikors.

B — *Il-proċedura quddiem il-qorti nazzjonali*

25. Fis-16 ta' Settembru 2008, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għamlet rikors quddiem il-qorti tar-rinviju, kontra l-konvenut fil-kawża prinċipali bl-iskop li tirċievi l-ħlas ta' CZK 4 383 584,60, bl-interessi moratorji, għal ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' self. Fis-16 ta' Ottubru 2008, il-qorti tar-rinviju ħarġet ordni ta' ħlas rilevanti.

26. Ma kienx possibbli li din id-deċiżjoni tkun innotifikata personalment lill-konvenut fil-kawża prinċipali, kif previst fl-Artikolu 173(1) tal-OSŘ. Il-konvenut ma kienx jirrisjedi iktar fl-indirizz ipprovdut mir-rikorrenti bħala domiċilju tiegħu, notament Velká Hleďsebs (CZ), Žižkova 356. Ir-reġistru ċentrali tal-popolazzjoni jipprovdi, bħala residenza permanenti tal-konvenut prinċipali, l-indirizz Mariánské Lázně (Marienbad), Třida Vitězstvi 30/30. Madanakollu, komunikazzjoni tas-servizz tal-barranin tal-pulizija tar-Repubblika Ċeka tal-20 ta' Frar 2009 tindika li l-konvenut

lanqas ma kien jirrisjedi f'dan l-indirizz. Skont l-informazzjoni tal-pulizija tat-2 ta' Gunju 2009, matul is-soġġorn tiegħu fir-Repubblika Ċeka, il-konvenut fil-kawża prinċipali kien qed jirrisjedi unikament f'pensjonijiet jew f'appartamenti privati. Skont l-informazzjoni pprovduta mis-servizzi penitenzjarji tar-Repubblika Ċeka fl-20 ta' Frar 2009, il-konvenut prinċipali ma kienx qed jiskonta piena ta' kustodja u ma kienx qed jinżamm fit-territorju tar-Repubblika Ċeka fit-18 ta' Frar 2009. Il-qorti tar-rinviju lanqas waslet li tiddetermina jekk il-konvenut kellux qraba fit-territorju tar-Repubblika Ċeka li setgħu jinfurmawha bil-post fejn kien qed jirrisjedi l-konvenut. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, l-ebda mill-indirizzi msemmija qabel ma setgħu jikkwalifikaw bħala domiċilju fit-termini tal-liġi nazzjonali. Bħala konsegwenza ta' dan, il-konvenut prinċipali ma għandux domiċilju fit-territoju tar-Repubblika Ċeka.

27. L-ordni ta' ħlas ġiet annullata fit-8 ta' Settembru 2009 minħabba l-impossibbiltà li tiġi nnotifikata. Sabiex titkompla l-proċedura, fit-3 ta' Ġunju 2009 l-qorti tar-rinviju nnominat, b'applikazzjoni tal-Artikolu 29(3) tal-OSR, lil Josef Hayduk bħala kuratur tal-konvenut fil-kawża prinċipali, li kien persuna b'domiċilju mhux magħruf. B'nota tas-26 ta' Ottubru 2009, J. Hayduk qajjem oġġezzjonijiet fundamentali kontra t-talbiet imressqa, rigward l-kwistjonijiet anċillari.

C — *Id-domandi preliminari*

28. F'talba għal deċiżjoni preliminari, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Lulju 2010, il-qorti tar-rinviju għamlet id-domandi li gejjin:

"1) Jekk waħda mill-partijiet fi proċeduri ġudizzjarji tkun ċittadina ta' Stat differenti minn dak li fih ikunu qegħdin jiżvolġu dawn il-proċeduri, dan il-fatt jipprovdi bażi għall-implikazzjoni transkonfinali fis-sens tal-Artikolu 81 (li qabel kien l-Artikolu 65) tat-Trattat, li hija waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (iktar 'il quddiem "ir-Regolament Brussell I")?

2) Ir-Regolament Brussell I jipprekludi l-użu ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jippermettu t-tressiq ta' proċeduri kontra persuni li l-indirizz tagħhom ma jkunx magħruf?

3) Jekk it-tieni domanda tingħata risposta negattiva, il-fatt li jsiru sottomissjonijiet minn kuratur tal-konvenut fil-kawża, li jkun maħtur mill-qorti, jista' jitqies, waħdu, bħala sottomissjoni mill-konvenut għall-ġurisdizzjoni tal-qorti lokali għall-finijiet tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussels I, anki meta s-suġġett tal-kawża jkun pretensjoni

li tirriżulta minn kuntratt mal-konsumatur u l-qrati tar-Repubblika Ċeka ma jkollhomx ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 16(2) ta' dan ir-regolament sabiex jiddeċiedu din il-kawża?

4) Ftehim dwar il-ġurisdizzjoni lokali ta' qorti partikolari jista' jitqies li jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti magħżula għall-finijiet tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament [44/2001], u, jekk dan ikun il-każ, dan japplika anki jekk il-ftehim dwar ġurisdizzjoni lokali jkun invalidu minħabba li jmur kontra l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva [93/13], tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur?

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

29. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern tar-Repubblika Ċeka, tad-Danimarka, ta' Franza, tal-Ungerija u tal-Olanda, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub.

30. Fit-25 ta' Mejju 2011 inżammet seduta li fiha pparteċipaw il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u tad-Danimarka, kif ukoll il-Kummissjoni, u li matulha dawn tal-aħħar ikkompletaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub u wieġbu għal mistoqsijiet.

V — L-argumenti ewlenin tal-partijiet fil-proċedura

A — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

31. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-regoli tal-ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 humiex applikabbli. Hija titlaq mill-prinċipju li l-kundizzjoni għall-applikabbilità tiegħu hija l-eżistenza ta' rabta estranja, madankollu tistaqsi jekk din ir-rabta hijiex diġà preżenti fil-fatt li l-konvenut prinċipali għandu n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor.

32. Fil-fehma tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka, tad-Danimarka, ta' Franza u tal-Ungerija, kif ukoll tal-Kummissjoni, il-kundizzjoni għall-applikabbilità tar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 hija l-eżistenza ta' rabta estranja, bil-Kummissjoni tiddefendi l-pożizzjoni li din ir-rabta għandha tiġi ddeterminata fid-dawl ta' dan il-każ partikolari.

33. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u ta' Franza, kif ukoll il-Kummissjoni, sabiex tkun teżisti tali rabta estranja, huwa suffiċjenti li l-kwistjoni tqajjem dubji rigward l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti, li jista' jkun il-każ jekk il-konvenut fil-kawża prinċipali jkollu n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li, f'dan il-każ, ma hemmx għarfien ċert dwar id-domiċilju tal-konvenut.

34. Min-naħa l-oħra, fil-fehma tal-Gvern tal-Ungerija, tad-Danimarka u tal-Olanda, il-fatt li konvenut jkollu n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor ma hijiex suffiċjenti sabiex tistabbilixxi, fiha nnifisha, l-applikabbilità tar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001. Fil-fatt, in-nazzjonalità ma għandha l-ebda rwol fir-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament.

B — *Fuq it-tieni domanda preliminari*

35. Permezz tat-tieni domanda premliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-disposizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 jipprekludux l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kif previsti fl-Artikolu 29(3) tal-OSŘ. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-organizzazzjoni ta' proċeduri kontra persuni li d-domiċilju tagħhom ma huwiex magħruf issir possibbli bil-ħatra ta' kuratur. Il-qorti tar-rinviju esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' tali dispożizzjoni, b'mod partikolari mal-Artikolu 2 tar-Regolament.

36. Il-partijiet kollha fil-proċedura li esprimew ruħhom f'dan il-qafas jsostnu li tali regola nazzjonali hija kompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, id-dritt proċedurali ma jistax ikun armonizzat bis-sħiħ bir-Regolament u għadu rregolat bil-liġi nazzjonali. Sa fejn l-Istati Membri josservaw ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 44/2001, l-applikazzjoni ta' tali regoli nazzjonali taqa' taħt id-diskrezzjoni tagħhom.

37. F'dak li jirrigwarda r-regoli tar-Regolament li għandhom jiġu osservati, dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali, il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u tad-Danimarka jsostnu li l-ġurisdizzjoni tiddependi bħala prinċipju mid-domiċilju tal-konvenut. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju għandha l-ewwel nett teżamina jekk il-konvenut għandux d-domiċilju tiegħu fir-Repubblika Ċeka jew fi Stat Membru ieħor, f'liema każ l-Artikolu 59 tar-Regolament jipprovdi li għandha tapplika d-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Kieku l-qorti tar-rinviju waslet għall-konklużjoni li konvenut ma għandux domiċilju fi Stat Membru, il-ġurisdizzjoni internazzjonali tiġi ddeterminata skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 44/2001, skont id-dritt nazzjonali. Il-Gvern tar-Repubblika Ċeka jipproponi approċċ fejn f'każ bħal dan, il-qorti nazzjonali jista' tadotta finzjoni li l-konvenut ma għandux domiċilju fi Stat Membru, iżda tirrikonoxxi li tali approċċ huwa soluzzjoni *de lega ferenda*. Ir-rikorrenti tinnota, f'dan ir-rigward, li

l-konvenut fil-kawża prinċipali, li ma huwiex konsumatur fis-sens tar-Regolament, ma għandux id-domiċilju tiegħu fir-Repubblika Ċeka. Fuq il-bazi ta' kuntratt għal terminu twil konkluż mal-konvenut fil-kawża prinċipali, ir-rikorrenti seta' jikkonkludi li l-konvenut kellu soġġorn ta' perijodu twil fit-territorju tar-Repubblika Ċeka.

38. F'dak li jirrigwarda id-drittijiet tad-difiża tal-konvenut, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern tal-Ungerija, tal-Olanda, ta' Franza u tad-Danimarka jsostnu li, fl-applikazzjoni ta' tali regola nazzjonali, għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 44/2001 kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża tal-konvenut, kif stabbilit fir-Regolament. Skont din id-dispożizzjoni, il-qorti nazzjonali għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa li jippermettu li l-konvenut jkollu difiża. Jekk dawn il-miżuri jiġu adottati, id-drittijiet tad-difiża tal-konvenut fis-sens tal-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jkunu suffiċjentement protetti. Madanakollu, ir-Regolament ma jistax jiġi interpretat fuq dawn il-linji peress li jkun impossibbli għal rikorrenti li jieħu azzjoni kontra parti li d-domiċilju tagħha mhux magħruf. Għalhekk jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll tad-dritt tar-rikorrenti għal protezzjoni ġuridika effettiva fis-sens tal-Artikolu 47(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

39. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Gvern ta' Franza jsostnu li l-ħatra ta' kuratur skont l-Artikolu 29(3) tal-OSŘ ma tillimitax id-drittijiet tad-difiża tal-konvenut. Anzi, din il-ħatra hija intiża li tipproteġi d-drittijiet tad-difiża. Il-Gvern tar-Repubblika Ċeka jsostni li, fl-eventwalità li l-ġurisdizzjoni tkun iddeterminata skont id-dritt nazzjonali, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament, ir-Regolament Nru 44/2001 ma jkunx applikabbli f'kull każ.

40. Fl-aħħar nett, f'dan ir-rigward, il-Gvern tal-Olanda u tal-Ungerija jsostnu li sentenza li tirrizulta mill-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 29(3) tal-OSŘ, ma tistax tiġi rikonoxxuta jew eżegwita fi Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament Nru 44/2001. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-Artikolu 34(2) tar-Regolament jista' japplika f'ċerti każijiet.

C — Dwar it-tielet domanda preliminari

41. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-dehra tal-kuratur maħtur skont l-Artikolu 29(3) tal-OSŘ, mingħajr ma l-kuratur joġġezzjona tinvolvix il-ġurisdizzjoni tal-qorti interpellata skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001. F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-kuntratt ta'

self konkluż bejn ir-rikorrenti u l-konvenut fil-kawża prinċipali huwa kuntratt konkluż ma' konsumatur fis-sens tal-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament Nru 44/2001. Għaldaqstant, bis-saħħa tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament, għandhom ġurisdizzjoni l-qrati tal-Istati Membri fejn jinsab domiċiljat il-konsumatur.

42. Fil-fehma tal-Kummissjoni, tal-Gvern tal-Ungerija, ta' Franza u tar-Repubblika Ċeka, l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 japplika għall-kuntratti tal-konsumatur.

43. Fil-fehma tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka, tal-Olanda u ta' Franza, kif ukoll tal-Kummissjoni, id-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur ma hijiex ugwali għal dehra quddiem il-qorti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tafferma li l-kunċett ta' dehra quddiem il-qorti tal-konvenut skont l-Artikolu 24 tar-Regolament għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu. Il-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża tal-konvenut f'każ bħal dan tirrikjedi li ebda dehra tal-konvenut skont l-Artikolu 24 tar-Regolament ma tkun preżunta, indipendentement mill-pożizzjoni tal-kuratur skont id-dritt nazzjonali.

44. Min-naħa l-oħra, il-Gvern tal-Ungerija u r-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma tal-fehma li d-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur timplika l-ġuridizzjoni tal-qorti tar-rinviju skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001. Is-setgħat tal-kuratur għandhom jiġu ddeterminati skont id-dritt nazzjonali.

45. Fil-fehma tal-Gvern tad-Danimarka, il-kwistjoni dwar jekk id-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur tistabbilixxix l-ġurisdizzjoni tal-qorti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 għandha tiġi determinata skont il-każ.

D — *Dwar ir-raba' domanda preliminari*

46. Permezz tar-raba' domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ftehim dwar il-ġurisdizzjoni territorjali ta' qorti stabbilita jistax ukoll jikkwalifika bħala ftehim taċitu dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti tal-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001. Barra minn dan, hija tistaqsi jekk l-infurzabbiltà tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territiorjali, minħabba n-natura abbużiva tiegħu skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, jistax ukoll ikollu impatt fuq tali ftehim taċitu li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali.

47. Il-Gvern tar-Repubblika Ċeka, tad-Danimarka u ta' Franza, kif ukoll il-Kummissjoni, isostnu li tali ftehim huwa ftehim impliċitu li jattribwixxi ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001. Fil-fehma tal-Gvern tal-Ungerija, f'dan ir-rigward jeħtieġ li ssir id-distinzjoni li ġejja: sa fejn teżisti rabta estranja, tali klawżola tista' tkun klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament. Jekk ma jeżisti l-ebda element ta' estranjetà, tali klawżola ma tistax titqies bħala klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali sakemm din ma tmurx kontra r-rieda tal-partijiet.

48. Barra minn dan, il-Gvern ta' Franza u l-Kummissjoni jsostnu li l-qorti nazzjonali hija obbligata teżamina jekk il-klawżola hijiex abbużiva skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13.

49. Fil-fehma tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tali klawżola ma tistax titqies bħala klawżola abbużiva skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13 meta l-ewwel nett jittieħed kont li ma hemm l-ebda kuntratt konklużma' konsumatur u t-tieni nett, id-distanza bejn l-uffiċċju rreġistrat tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, fi Praga, u d-domiċilju tal-konvenut fil-kawża prinċipali ma humiex ser ikollhom wisq rilevanza.

50. Fl-aħħar nett, il-gvern tar-Repubblika Ċeka u tal-Ungerija huma tal-fehma li tali ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali jibqa' validu anke jekk il-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali ma għandux effett skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jitqies bħala *lex specialis* fid-dawl tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13. Min-naħa l-oħra, il-Gvern tad-Darnimarka, ta' Franza, kif ukoll il-Kummissjoni, jsostnu li klawżola invalida skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 lanqas ma tikkostitwixxi ftehim validu li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001.

VI — Evalwazzjoni fid-dritt

51. Il-proċedura fil-kawża prinċipali hija kkaratterizzata mill-fatt li r-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra l-konvenut li d-domiċilju tiegħu ma huwiex magħruf. Fid-dawl tal-Artikolu 29(3) tal-OSŘ, il-qorti tar-rinviju tista', f'każ bħal dan, taħtar kuratur għall-konvenut. Madanakollu, hija għandha dubji dwar jekk huwiex kompatibbli mar-rekwiżiti tal-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-Regolament Nru 44/2001, il-fatt li li hija tissokta bil-proċedura kontra l-konvenut f'dawn iċ-ċirkustanzi.

52. Peress li l-erba' domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju f'dan il-każ huma marbutin mill-qrib, ser neżaminahom flimkien. L-ewwel nett jeħtieġ li tigi eżaminata d-domanda dwar jekk l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni bħall-Artikolu 29(3) tal-OSŘ, hijiex bħala prinċipju konċiljabbli mar-Regolament Nru 44/2001 (A). Għandha tingħata risposta fl-affermattiv f'dan ir-rigward. Madankollu, qorti nazzjonali għandha tiżgura, fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni, li r-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni jiġu osservati, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mir-Regolament. Dawn jinkludu r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni stabbiliti fir-Regolament (B), u, sussegwentement, ir-rekwiżiti minimi relatati mad-dritt li l-konvenut jkollu difiża (C).

A — *Kompatibbiltà bħala prinċipju ta' dispożizzjoni bħall-Artikolu 29(3) tal-OSŘ mad-dritt tal-Unjoni*

53. Hekk kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju, il-ħatra ta' kuratur skont l-Artikolu 29(3) tal-OSŘ tippermetti li tittieħed azzjoni kontra l-konvenut fil-kawża prinċipali anki meta d-domiċilju tal-konvenut ma jkunx magħruf u meta ma jkunx gie nnotifikat bl-istess rikors.

54. Bħala prinċipju, ir-regoli tar-Regolament Nru 44/2001 ma jmorrux kontra l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjoni nazzjonali. Fil-fatt, ir-Regolament Nru 44/2001 huwa intiż għall-unifikazzjoni tar-regoli relatati mad-distribuzzjoni tal-ġurisdizzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kontroversji f'materji ċivili u kummerċjali fir-relazzjonijiet bejn l-Istati kontraenti kif ukoll sabiex jiffaċilita l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ġudizzjarji, iżda ma huwiex intiż għall-unifikazzjoni tal-kumplament tad-dritt proċedurali tal-Istati Membri [7]. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom bħala prinċipju d-diskrezzjoni li jadottaw dispożizzjoni proċedurali bħall-Artikolu 29(3) tal-OSŘ, li skontu jista' jinħatar kuratur għal konvenut li d-domiċilju tiegħu ma huwiex magħruf, u li jippermetti wkoll li titkompla l-proċedura kontrih [8].

55. Madankollu, meta qorti nazzjonali tapplika d-dritt nazzjonali, għandha tiżgura l-effikaċja sħiħa tad-dritt tal-Unjoni. F'każ bħal dan, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari r-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti fir-Regolament Nru 44/2001 u tiggarantixxi l-protezzjoni tad-dritt tal-konvenut li jkollu difiża [9]

7 — Sentenza tal-5 ta' Frar 2004, DFDS Torline (C-18/02, Ġabra p. I-1417, punt 23). Fir-rigward tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell", ara s-sentenzi tal-15 ta' Mejju 1990, Hagen (C-365/88, Ġabra p. I-1845, punt 17), u tas-7 ta' Marzu 1995, Shevill *et.* (C-68/93, Ġabra p. I-415, punt 35).

8 — F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1985, Debaecker u Plouvier (49/84, Ġabra p. 1779, punti 10 *et seq.*), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' tali regoli u ma kkunsidrathomx bħala li bħala prinċipju kienu inkompatibbli mas-sistema tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

9 — Ara s-sentenzi, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, Hagen (punt 20) u Shevill *et.* (punt 36).

B — *Dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001*

56. Il-ħatra ta' kuratur għall-konvenut fil-kawża prinċipali ma teliminax l-obbligu tal-qorti ta' rinviju li tosserva r-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti fir-Regolament Nru 44/2001. Dawn ir-regoli japplikaw f'każ bħal dan (1). Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju għandha teżamina jekk hija għandhiex ġurisdizzjoni taħt dawn ir-regoli (2).

1. Dwar l-applikabbiltà ta' regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001

57. Hekk kif jirriżulta mill-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf jekk, f'każ bħal dan, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti fir-Regolament Nru 44/2001 għandhomx japplikaw.

58. Hija ssostni li r-risposta għandha tkun fl-affermattiv.

59. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [10] li tikkonċerna r-regoli ta' ġurisdizzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell, iżda li tapplika wkoll għar-Regolament Nru 44/2001 [11], l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli tippresupponi rabta estranja [12]. Sabiex tali element ta' estranjetà jeżisti, ikun suffiċjenti li qorti ta' Stat Membru tqajjem domandi dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha [13].

60. Każ bħal dan inkwistjoni jqajjem tali domani.

61. Fil-fatt, tali domandi jistgħu jitqajmu mhux biss meta Stati oħra jkunu involuti minħabba d-domiċilju tal-partijiet, is-suġġett tal-kontroversja jew is-sit tal-fatti li wasslu għall-kontroversja. Il-fatt li l-konvenut fil-kawża prinċipali jkollu n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor [14] jew li d-domiċilju tiegħu ma huwiex magħruf mill-qorti tar-rinviju, huwa wkoll suxxettibbli li jqajjem domandi bħal dawn rigward il-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' qorti.

62. Barra minn dan, is-suġġett u l-finalità tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 44/2001, li f'każ bħal dan jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni, jiffavorixxu l-applikazzjoni ta' regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament f'każ

10 — Sentenza tal-1 ta' Marzu 2005, Owusu (C-281/02, Ġabra p. I-1383, punti 25 *et seq.*).

11 — Dwar il-kwistjoni ta' trasferibbiltà tal-prinċipju ta' din il-ġurisprudenza, ara s-sentenzi tal-14 ta' Mejju 2009, Ilsinger (C-180/06, Ġabra p. I-3961, punt 41), u tas-16 ta' Lulju 2009, Zuid-Chemie (C-189/08, Ġabra p. I-6917, punt 18).

12 — Sentenza Owusu (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 25).

13 — Ibidem (punt 26).

14 — Jidhirli li dan ikun ukoll konsistenti mal-kunsiderazzjonijiet fil-paġna 8 tar-rapport Jenard (ĠU 1979, C 59, p. 1), li skonthom hemm element ta' estranjetà fis-sens tal-Konvenzjoni ta' Brussell meta l-konvenut huwa barrani.

bħal dan. Skont dawn ir-regoli, konsumatur ma jistax, bħala prinċipju, jitressaq quddiem qorti li ma hijiex dik tal-Istati fejn huwa domiċiljat. Jekk dawn id-disposizzjonijet jibqgħu ma jiġux applikati f'każ bħal dan fejn il-qorti nazzjonali rat li l-konvenut ma kellux domiċilju fl-Istati Membru tiegħu, ikun hemm ir-riskju li konvenut jitressaq quddiem qorti ta' dan l-Istat Membru, bil-possibbiltà li jkun domiċiljat fi Stat Membru ieħor. Dan imur kontra l-iskop ta' protezzjoni tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament.

63. Kontra l-applikabbiltà tar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, f'każ bħal dan, il-Gvern tal-Ungerija l-ewwel nett jopponi l-fatt li skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament, l-istess regoli għandhom japplikaw għall-barrannin kif ukoll għaċ-ċittadini li għandhom id-domiċilju tagħhom fl-istess Stat Membru. It-tieni nett, il-Gvern tal-Olanda jsostni li r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali previsti mir-Regolament huma marbuta, bħala prinċipju, mad-domiċilju iżda min-naħa l-oħra ma jieħdux inkunsiderazzjoni n-nazzjonalità.

64. Dawn l-oġġezzjonijiet ma humiex konvincenti.

65. Fil-fatt, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn id-domanda dwar liema kundizzjonijiet ir-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom japlikaw, min-naħa waħda, u d-domanda dwar liema kriterji jirregolaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli min-naħa l-oħra. Id-dispożizzjonijiet li qed jinvokaw dawn il-gvernijiet fihom il-kriterji li jirregolaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali, *sa fejn* japplikaw ir-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament. Min-naħa l-oħra, minn dawn il-kriterji ma jistax jiġi dedott meta japplikaw ir-regoli ta' ġurisdizizjoni tar-Regolament.

66. Konsegwentement, bħala konklużjoni intermedjarja, jeħtieġ ninnutaw li r-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 huma applikabbli f'każ bħal dan u għandhom jiġu osservati mill-qorti tar-rinviju.

2. Dwar il-gurisidzzjoni tal-qorti tar-rinviju

67. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju għandha teżamina jekk għandhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tar-regoli tar-Regolament Nru 44/2001.

68. Hekk kif jirriżulta mit-tielet domanda preliminari, l-ewwel nett hija titlob risposta dwar jekk id-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur, maħtur mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konvenut, mingħajr oġġezzjoni min-naħa tal-kuratur, tistaax tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 (a). Barra minn dan, fir-raba' domanda tagħha, il-qorti tfittex

risposta dwar jekk għandhiex ġurisdizzjoni abbażi ta' ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (b).

69. Jekk il-qorti tar-rinviju ma tistax tibbaża l-ġurisdizzjoni tagħha fuq waħda mid-disposizzjoniijiet msemmija, hija jkollha tieħu inkunsiderazzjoni r-regola ta' ġurisdizzjoni stabbilita fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 44/2001. Skont din id-dispożizzjoni, il-procedimenti mibdija kontra l-konsumatur mill-parti l-oħra fil-kuntratt jistgħu biss isiru quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn huwa domiċiljat il-konsumatur (c). Jekk lanqas din id-dispożizzjoni ma tapplika, jiena tal-fehma li huwa applikabbli l-Artikolu 4 tar-Regolament, li skontu il-ġurisdizzjoni internazzjonali hija rregolata mid-dritt nazzjonali tal-qorti tar-rinviju (d).

a) Dwar id-dehra quddiem il-qorti mingħajr oġġezzjoni skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001

70. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001, qorti għandha ġurisdizzjoni meta l-konvenut jidher quddiemha. Din ir-regola ma tapplikax meta d-dehra tkun saret biex tiġi kkontestata l-ġurisdizzjoni, jew meta qorti oħra jkollha ġurisdizzjoni esklużiva bis-saħħa tal-Artikolu 22.

71. Il-qorti tar-rinviju tfittex risposta dwar jekk din id-dispożizzjoni hijiex ukoll applikabbli fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi. Hija ssostni li r-risposta għandha tkun fl-affermattiv (i). Madanakollu, tibqa' d-domanda dwar jekk id-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur maħtur mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konvenut tistax tikkostitwixxi dehra quddiem il-qorti tal-konvenut fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (ii).

i) Applikabbiltà għal kuntratti konklużi mill-konsumaturi

72. L-ewwel nett, jeħtieġ li jingħad li l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 japplika għal kuntratti konklużi mill-konsumaturi fis-sens tas-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II tiegħu.

73. Fis-sentenza tagħha ČPP Vienna Insurance Group, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 24 tar-Regolament japplika fil-qasam tal-assigurazzjoni fis-sens tas-Sezzjoni 3 tal-Kapitolu II tiegħu [15]. Din il-ġurisprudenza tapplika għal kuntratti konklużi mill-konsumaturi, fis-sens tas-Sezzjoni 4 tal-istess kapitolu. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 24 tar-Regolament tapplika f'każ ta' kontroversja fejn il-ġurisdizzjoni tal-qorti interpellata, ma

15 — Sentenza tal-20 ta' Mejju 2010 (C-111/09, Ġabra p. I-4545, punti 19 sa 33).

tirriżultax minn disposizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tapplika wkoll fil-każ fejn il-kawża titressaq quddiem il-qorti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dan jimplika li d-dehra quddiem il-qorti tal-konvenut tista' titqies bħala aċċettazzjoni taċita tal-ġurisdizzjoni tal-qorti interpellata u għaldaqstant bħala estensjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha [16]. Barra minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 24(2) tar-Regolament fil-fatt jipprovedi eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' dehra quddiem il-qorti mingħajr oġġezzjoni, imma li dawn l-eċċezzjonijiet, li għandhom jiġu interpretati b'mod ristrett, ma japplikawx ħlief fil-każijiet espressement indikati [17]. Madankollu, ma hemm ebda riferiment la għal ksur ta' regoli fil-qasam tal-assigurazzjoni fis-sens tas-Sezzjoni 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament, u lanqas għal ksur tal-leġiżlazzjoni fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi fis-sens tas-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament.

74. Konsegwentement, l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 huwa wkoll applikabbli fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi fis-sens tas-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament [18].

ii) Dwar il-kunċett tad-dehra tal-konvenut quddiem il-qorti

75. Madankollu, tibqa' domanda oħra dwar jekk f'każ bħal dan, jeżistix il-kunċett ta' dehra tal-konvenut quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001. Il-qorti tar-rinviju ma qajmitx espressament din id-domanda. Madankollu, fil-qafas ta' proċedura preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha li hija tqis utli għar-riżoluzzjoni tal-kawża prinċipali [19].

76. Il-kunċett ta' dehra tal-konvenut quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li ma għandux jiġi interpretat b'mod uniformi. Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom bħala prinċipju jiġu interpretati b'mod awtonomu, abbażi tas-sistema u l-iskopijiet tal-istess Regolament [20]. Pereżempju, il-kunċett huwa differenti meta nirreferu espressament għad-dritt nazzjonali jew meta jirriżulta minn dispożizzjonijiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried iħalli din il-kwistjoni taħt id-dritt tal-Istati Membri. Dan ma japplikax għall-kunċett ta' dehra tal-konvenut quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament.

16 — Ibidem, punt 21.

17 — Ibidem, punti 23 sa 26.

18 — Fl-istess sens, Geimer, R., f'Geimer, R., u Schütze, R., Europäisches Zivilverfahrensrecht, Beck, 2. Aufl. 2004, Artikolu 24, punt 36, u Staudinger, A., f'Rauscher, T., Europäisches Zivilprozess- und Kollisionsrecht, Sellier, 2011, Artikolu 24, punt 11. Għal stampa ġenerali tal-opinjonijiet differenti, b'maġġoranza ta' opinjonijiet ekwiparabbli, ara Mankowski, P., "Besteht der Europäische Gerichtsstand der rügelosen Einlassung auch gegen von Schutzregimes besonders geschützte Personen?", Recht der Internationalen Wirtschaft, 2010, p. 667 *et seq.*, li madankollu jikkritika huwa stess it-teħid inkunsiderazzjoni insuffiċjenti tal-protezzjoni tal-konsumatur bħala l-parti l-iktar dgħajfa.

19 — Sentenzi tat-28 ta' Frar 1984, Einberger (294/82, Ġabra p. 1177, punt 6), u tas-16 ta' Lulju 1992, Belovo (C-187/31, Ġabra p. I-4937, punt 13).

20 — Sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2008, Hassett u Doherty (C-372/07, Ġabra p. I-7403, punt 17); tat-23 ta' April 2009, Draka NK Cables *et.* (C-167/08, Ġabra p. I-3477, punt 19), u tas-16 ta' Lulju 2009, Zuid-chemie (C-189/08, Ġabra p. I-6917, punt 17).

77. Għaldaqstant, mill-kunċett autonomu tad-dehra tal-konveut quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 jirriżultaw rekwiżiti minimi stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, li l-Istati Membri għandhom josservaw [21]. Dan madanakollu ma jfissirx li d-dritt proċedurali nazzjonali jigi totalment skartat. Pjuttost, dan japplika b'mod supplimentari [22].

78. F'każ bħal dan, id-domanda hija jekk huwiex kompatibbli ma' dawn ir-rekwiżiti minimi stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni li wieħed jassumi dehra tal-konveut quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 anki f'każ ta' dehra quddiem il-qorti ta' kuratur li nħatar għall-konsumatur konvenut mingħajr il-kunsens u l-għarfien tiegħu.

79. Fis-sentenza Hendrikman u Feyen [23], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur li ma ġiex awtorizzat mill-konvenut ma tistax titqies bħala dehra tal-konvenut quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni ta' Brussell I, id-dispożizzjoni li ġiet sostitwita mill-Artikolu 34(2) tar-Regolament Nru 44/2001 [24].

80. B'kunsiderazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, jidher li l-kunċett ta' dehra quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat b'tali mod li kuratur maħtur għal konsumatur konvenut mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konvenut ma jitqiesx li qed jidher f'ismu. F'dan il-każ, il-kuratur inħatar mill-qorti u mhux minn avukat bla awtorizzazzjoni, kif kien il-każ fil-kawża Hendrikman u Feyen. Barra minn dan, il-kwistjoni f'dan il-każ hija l-interpretazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 li japplika fi proċedura primarja, u mhux l-Artikolu 34(2) tar-Regolament li japplika fil-kuntest ta' proċedura eżekutorja. Madankollu, jidher li r-*ratio* ta' din il-ġurisprudenza huwa applikabbli f'każ bħal dan.

21 — Sentenza tal-24 ta' Ġunju 1981, Elefanten Schuh (150/80, Ġabra p. 1671, punt 16). F'dan is-sens, ara wkoll Geimer, R. (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 24, punt 30.

22 — Calvo Caravaca, A. L., u Carrascosa Gonzalez, J., f'Mangus, U., u Mankowski, P., Brussels I Regulation, Sellier, 2007, Artikolu 24, punt 10, kif ukoll Kropholler, J., Europäisches Zivilprozessrecht, Verlag Recht und Wirtschaft, 8. Aufl. 2005, Artikolu 24, punt 7. Jidhirli li lanqas ma jimmilitaw kontra din id-dikjarazzjoni l-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-paġna 38 tar-rapport Jenard (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14), li jipprovdu li l-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' dehra hija rregolata bid-dritt nazzjonali. Fil-fehma tiegħi, dan ma jfissirx li l-kwistjoni dwar jekk hemmx jew le dehra hija rregolata biss bid-dritt nazzjonali. Dan għandu pjuttost jinftiehem fis-sens li d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi kundizzjonijiet fir-rigward tal-kunċett ta' dehra, li jistgħu madankollu jiġu kkompletati b'regoli proċedurali nazzjonali korrispondenti.

23 — Sentenza tal-10 ta' Ottubru 1996 (C-78/95, Ġabra p. I-4943).

24 — Ibidem, punt 18. F'dan il-kuntest, ma għandux ma jsirx riferiment għas-sentenza ČPP Vienna Insurance Group (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 33). Skont din is-sentenza, qorti nazzjonali ċertament ma tistax tivverifika *ex officio* jekk konvenut, li huwa l-parti l-iktar dgħajfa fis-sens tas-Sezzjonijiet 3 sa 5 tal-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001, jistax jirrikonoxxi b'mod sħiħ l-effetti tad-difiża tiegħu fil-kawża. Huwa madankollu possibbli għall-qorti nazzjonali li tiggarantixxi protezzjoni msaħħa għall-parti kkunsidrata bħala l-iktar dgħajfa, filwaqt li tosserva l-għan espress f'dawn id-dispożizzjonijiet, u tiżgura li l-parti interpellata quddiemha f'dawn iċ-ċirkustanzi għandha għarfien sħiħ tal-konsegwenzi tad-dehra tagħha.

81. Għan importanti tar-Regolament Nru 44/2001 huwa fil-fatt il-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża tal-konvenut [25], rikonoxxut fid-dritt primarju, fl-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-fehma tiegħi, dan l-għan ma huwiex kompatibbli mal-fatt li, f'każ bħal dan, id-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur maħtur mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konveut hija imputabbli lill-konvenut. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, il-konvenut fl-ebda sitwazzjoni ma jkun jista' jieħu deċiżjoni rigward l-organizzazzjoni tal-proċedura. It-tieni nett, kuratur li ma għandux kuntatt mal-konveut ġeneralment ma jkollux l-informazzjoni neċessarja sabiex jiddetermina jekk id-dehra tiegħu quddiem il-qorti hijiex ta' benefiċċju għall-konvenut. Fit-tielet lok, dan in-nuqqas ta' informazzjoni jista' jirrendi l-kontestazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qorti kkonċernata iktar diffiċli għall-kuratur.

82. Barra minn hekk, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jħares lill-konsumatur mill-possibbiltà li jitressaq quddiem qrati oħra differenti minn dawk tal-Istat Membru tiegħu. Jekk id-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur maħtur mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konsumatur tiġi imputata fuq il-konsumatur, u li bl-istess mod tiġi ġġustifikata l-ġurisdizzjoni tal-qorti li ħatret il-kuratur, tkun qiegħda tiġi mminata l-effikaċja tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament.

83. Barra minn dan, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li dehra quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 tiddetermina l-post, u għaldaqstant il-*lex fori*, li jista' jkollu konsegwenzi importanti għar-riżoluzzjoni tal-kawża.

84. Għar-raġunijiet imsemmija preċedentement, id-dehra quddiem il-qorti tal-kuratur mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konvenut ma tistax bħala prinċipju tkun imputata lill-konvenut, skont l-Artikolu 24 tar-Regolament, bħala dehra quddiem il-qorti proprja tiegħu.

iii) Konklużjoni

85. Bħala konklużjoni, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-Artikolu 24 tar-Regolament japplika fil-qasam ta' kuntratti konklużi mal-konsumaturi, li d-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur maħtur minn konsumatur konvenut mingħajr il-kunsens u l-għarfien tiegħu ma tistax tiġi imputata lill-konvenut bħala dehra quddiem il-qorti fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju ma tistax tibbaża ruħha

25 — Sentenza Hendrikman u Feyen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, punt 18).

fuq din id-dispożizzjoni sabiex tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tagħha [26].

b) Dwar il-ftehim li jattribwixxi l-ġurisdizzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament

86. Kif jirriżulta mir-raba' domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk, f'każ bħal dan, tistax tibbaża l-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha fuq ftehim li jattribwixxi ġurisidzzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001.

87. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-qortitar-rinviju.,f'danil-każhemminkwistjoni kawża fil-qasam ta' kuntratti konklużi mill-konsumaturi skont l-Artikolu 15 (1)(c) tar-Regolament Nru 44/2001, li għaliha japplikaw d-dispożizzjonijiet speċjali tas-Sezzjoni 4 tal-Kapitoli II tar-Regolament Nru 44/2001. Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament, il-konsumatur ma jistax jitressaq quddiem qrati li ma humiex tal-Istat Membru li fih huwa domiċiljat. Madankollu, qorti oħra tista' tkun ammessa bil-kundizzjoni li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament. Għaldaqstant, bis-saħħa tal-Artikolu 3 ta' din id-disposizzjoni, konsumatur u l-parti kontraenti jistgħu jaqblu li ikollhom bħala ġurisdizzjoni l-qrati ta' Stat Membru fejn kellhom id-domiċilju tagħhom jew kienu jirrisjedu abitwalment meta ġie konkluż il-kuntratt, sa fejn tali ftehim ma jkunx ipprojbit mid-dritt ta' dak l-Istat Membru.

i) Kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001

88. F'każ bħal dan, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001 jistax japplika wkoll meta l-konvenut fil-kawża prinċipali seta' ma kienx iżjed domiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru meta saret il-preżentata tar-rikors.

89. Ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fl-affermattiv.

26 — Konsegwentement, għall-finijiet tal-kawża preżenti, ma huwiex daqstant rilevanti jekk l-Artikolu 24 tar-Regolament japplikax meta l-konvenut ma għandux domiċilju fi Stat Membru. Dwar din il-kwistjoni, ara Geimer, R. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 24, punti 22 sa 25, kif ukoll Calvo Caravaca, A. L., u Carrascosa Gonzalez, J. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22), Artikolu 24, punti 28 *et seq*.

90. Sabiex din id-dispożizzjoni tkun tista' tiġi applikata, huwa suffiċjenti li l-partijiet jkollhom iż-żewġ domiċilji rispettivi fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim [27]. Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-għan ta' din id-disposizzjoni, li tfittex li tħares lill-parti kontraenti tal-konsumatur [28]. Dan l-għan ma jistax jinkiseb effettivament sakemm tali ftehim ma jkunx affettwat minn bidla sussegwenti fid-domiċilju u tali bidla ma sseħħx f'pajjiż terz [29].

ii) Domiċilju tal-konsumatur u tal-parti kontraenti tiegħu fl-istess Stat Membru

91. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, peress li kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-konvenut fil-kawża prinċipali kellhom, fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt, id-domiċilju tagħhom fir-Repubblika Ċeka, jirriżulta li l-ewwel kundizzjoni tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001 hija sodisfatta.

iii) Ftehim taċitu dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati tar-Repubblika Ċeka

92. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali li jipprevedi li l-ġurisdizzjoni fl-eventwalità ta' kontroversja tkun tal-qorti li tinsab fil-ġurisdizzjoni li fiha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kellha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fid-data tal-preżentata tar-rikors, jistax ikun ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001.

93. Il-qorti tar-rinviju għandha l-ewwel nett tivverifika jekk ir-rikorrenti u l-konvenut fil-kawża prinċipali kinux qablu li, fil-kontroversji li jirriżultaw mill-kuntratt ta' self, il-qrati tar-Repubblika Ċeka kellu jkollhom ġurisdizzjoni fuq livell internazzjonali. Fl-assenza ta' regoli bħal dawn fid-dritt tal-Unjoni, hija l-qorti tar-rinviju fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali tagħha, li għandha tivverifika jekk jistax jiġi preżunt ftehim taċitu rigward ġurisdizzjoni internazzjonali mill-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, dan jista' jkun possibbli fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dritt tar-Repubblika Ċeka. Fil-fatt, żewġ partijiet li t-tnejn għandhom id-domiċilju tagħhom fl-istess Stat Membru normalment jistgħu, permezz ta' ftehim, jiddeterminaw il-qorti li fil-fatt għandha ġurisdizzjoni fil-kontroversja, mhux biss il-qorti li għandha

27 — F'dan is-sens, ara wkoll Geimer, R. (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 17, punt 10

28 — Ara p. 33 tar-rapport Jenard (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14), u Geimer, R. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 17, punt 7

29 — Konsegwentement, l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 44/2001, li jipprovdi li l-ġurisdizzjoni ta' qrati ta' Stat Membru għandha tiġi rregolata bil-liġijiet stess ta' dan tal-aħħar fil-każ li l-konvenut ma jkollux domiċilju fit-territorju ta' Stat Membru, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika biss jekk ikun suġġett għal ftehim fis-sens tal-Artikolu 17(3).

ġurisdizzjoni territorjali, iżda b'mod taċitu wkoll il-qrati li għandhom ġurisdizzjoni fuq livell internazzjonali.

94. Barra minn dan, għandu jiġi kkunsidrat jekk tali ftehim taċitu skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001 għandux jittieħed inkunsiderazzjoni. Ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fl-affermattiv. Il-formulazzjoni ta' din id-disposizzjoni ma tipprevedix li hija tapplika biss għal ftehim espressament ifformulat. Barra minn dan, limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għal ftehim espressament ifformulat inaqqas ħafna mill-utilità tagħha. Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 17(3) tar-Regolament japplika fil-każ fejn, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim, ikun għad ma hemmx element ta' estranjetà li joħroġ biss sussegwentement meta l-konsumatur jittrasferixxi d-domiċilju tiegħu fi Stat Membru ieħor. Ġeneralment f'tali sitwazzjoni, il-partijiet kuntrattwali ma jqisux neċessarju li jaqblu dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati tal-Istat Membru fejn it-tnejn li huma għandhom id-domiċilju tagħhom. Limitazzjoni għal ftehim espressament ifformulat tkun ftit li xejn kompatibbli mal-għan ta' din id-dispożizzjoni, li huwa l-ħarsien tal-parti kontraenti tal-konsumatur kontra trasferiment tal-ġurisdizzjoni li tista' sseħħ meta l-konsumatur jitlaq barra mill-Istat Membru [30].

30 — Ara p. 33 tar-rapport Jenard (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14).

iv) Dwar il-validità tal-ftehim taħt id-dritt nazzjonali

95. Jekk il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li r-rikorrenti u l-konvenut fil-kawża prinċipali kkonkludew ftehim li jattribwixxi l-ġurisdizzjoni lill-qrati tar-Repubblika Ċeka, hija għandha teżamina wkoll, skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001, jekk tali klawżola hijiex valida fid-dawl tad-dritt tar-Repubblika Ċeka.

96. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-infurzabbiltà ta' tali ftehim. F'dan ir-rigward, hija tenfasizza li l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali, li skontha għandha ġurisidzzjoni l-qorti ta' fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat tar-rikorrenti, tista' tkun inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 u għalhekk mhux infurzabbli taħt l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva, peress li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt, kellha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Praga u l-konvenut fil-kawża prinċipali kien domiċiljat f'Marienbad.

97. F'dan il-kuntest, l-ewwel domanda hija jekk u sa liema punt il-ftehim taċitu li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali għandux jiġi eżaminat fl-isfond tar-rekwiżiti tad-Direttiva 93/13. It-tieni nett, jeħtieġ nikkunsidraw jekk il-possibbiltà ta' nuqqas ta' infurzabbiltà tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali jistax iħalli effett fuq il-ftehim taċitu li jattribwixxi

ġurisdizzjoni internazzjonali. Fit-tielet lok, ser jiġu eżaminati l-kriterji li permezz tagħhom għandha tiġi ddeterminata n-natura abbużiva ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali.

— Dwar l-eżami tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali fid-dawl tad-Direttiva 93/13

98. Bis-saħħa tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001, il-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali għandu jkun validu fir-rigward tad-dritt nazzjonali. B'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-Istati Membri, waqt l-abbozzar tad-dritt nazzjonali tagħhom għandhom josservaw ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 93/13 [31]. Konsegwentement, il-klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni internazzjonali li jaqgħu taħt din id-Direttiva u li għalhekk jintużaw fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejjiegħa u tax-xerrejja huma bħala prinċipju suġġetti għal kontroll ta' abbuż skont l-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, kif ukoll għar-rekwiżiti ta' kjarezza u komprensibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 5 tagħha.

99. Madankollu, fil-kuntest tal-eżami tan-natura abbużiva ta' tali klawżola, ma huwiex possibbli li jiġi injorat il-fatt li l-leġislatur tal-Unjoni, meta adotta l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001, ried jagħti lill-parti kontraenti mal-konsumatur il-possibbiltà li jostakola trasferiment ta' ġurisdizzjoni internazzjonali fl-eventwalità li konsumatur joħroġ barra mill-Istat Membru komuni. B'kunsiderazzjoni għall-intenzjoni tal-leġiżlatur, klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni mid-Direttiva 93/13 ma tistax tiġi kklassifikata bħala abbużiva fis-sens tal-Artikolu 3(1), sempliċement minħabba l-fatt li hija tipprovdi li, f'kawża bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ, għandhom ġurisdizzjoni internazzjonali l-qrati tal-Istat Membru fejn iż-żewġ partijiet kellhom id-domiċilju fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt. Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament jiġi limitat għal ftehim li ma humiex kundizzjonijiet ġenerali fis-sens tad-Direttiva 93/13, l-utilità tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001 titnaqqas kunsiderevolment.

100. L-istess konklużjoni tapplika għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 93/13 fil-qasam ta' kjarezza

31 — F'dan is-sens: Heinig, J., Grenzen von Gerichtsstandsvereinbarungen im Europäischen Zivilprozessrecht, Jenaer Wissenschaftliche Verlagsgesellschaft 2010, p. 337 *et seq.*; Staudinger, A., f'Rauscher, T. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 17, punti 3 u 6, kif ukoll Nielsen, P. A., f'Magnus, U., u Mankowsky, P. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22), Artikolu 17, punt 4. Fis-sens kuntrarju: Geimer, R. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 17, punt 3, b'riferiment għall-prinċipju ta' *lex posterior*. Madankollu, dan il-prinċipju ma jiġġustifikax il-fatt li d-Direttiva 93/13 tiġi superata kompletament bir-Regolament Nru 44/2001, fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 17(3) tar-regolament espliċitament jipprovdi r-riżerva li tali ftehim ma għandux imur kontra d-dritt nazzjonali.

u komprensibbiltà ta' tali klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali, konkluża b'mod taċitu permezz tal-konklużjoni ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali. Anki f'dan il-kuntest, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-ħsieb tal-leġislatur hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001. Approċċ li jwassal sabiex ir-rekwiżit ta' kjarezza u komprensibbiltà jkun f'kunflitt mal-introduzzjoni ta' tali klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali konkluża b'mod taċitu, jillimita eċċessivament il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament [32].

— Fuq l-impatt tal-possibbiltà ta' nuqqas ta' infurzabbiltà tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali fuq il-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali

101. Barra minn dan, tqum il-kwistjoni f'dan il-każ dwar jekk il-possibbiltà ta' nuqqas ta' infurzabbiltà tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 jistax ikollha impatt fuq il-ftehim taċitu li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali konkluż fl-istess waqt.

102. Fid-dawl tal-Artikolu 6 (1) tad-Direttiva 93/13, il-klawżoli abbużivi inklużi f'kuntratt konkluż ma' konsumatur u bejjiegħ jew fornitur ma jorbtux lill-konsumaturi. Madankollu, il-kumplament tal-kuntratt jibqa' vinkolanti fuq il-konsumatur jekk jista' jkun vijabbli mingħajr il-klawżoli abbużivi. Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, meta klawżola li tattribwixxi kompetenza territorjali ma tkunx vinkolanti, jeħtieġ li wieħed ikun jaf jekk il-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali u l-klawżola taċita li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali konkluża fl-istess waqt għandhomx jitqiesu, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, bħala klawżola waħda, jew jekk il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali tistax titqies dejjem parti mill-kuntratt u għalhekk, minkejja n-nuqqas ta' infurzabbiltà tal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali, tkompli jkollha effett bejn il-konsumatur u l-parti kontraenti l-oħra.

103. Il-kwistjoni dwar jekk klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali u l-klawżola taċita li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali konkluża fl-istess waqt għandhomx jitqiesu ħaġa waħda mill-perspettiva tal-kontenut, fl-aħħar tiddependi mir-rieda tal-partijiet. Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet korrispondenti fid-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina din ir-rieda billi tapplika r-regoli nazzjonali kkonċernati. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għandha madankollu tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, f'każ bħal dan, il-fatt li l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni

32 — F'dan ir-rigward, jista' wkoll isir riferiment għall-motivi msemmija fil-punt 94 ta' dawn il-konklużjonijiet.

internazzjonali tirriżulta mill-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali ma huwiex biżżejjed fih innifsu sabiex iżżewġ klawżoli jitqiesu unità waħda mill-perspettiva ta' kontenut. Fil-fatt, klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali u klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali għandhom funzjonijiet differenti. Fil-fatt klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali għandha l-effett li tiddetermina il-qrati kompetenti b'riferiment għal fruntieri territorjali ta' Stat. Madankollu, bħala regola ġenerali, il-partijiet ifittxu wkoll għanijiet oħra bi klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali. Fil-fatt, l-għażla tal-qrati b'ġurisdizzjoni internazzjonali għandha ħafna konsegwenzi fil-liġi u fil-fatt, li jista' jkollhom impatt fuq it-trattament tal-ilment u r-riżultat tal-proċedura. Id-determinazzjoni tal-*lex fori*, tar-regoli ta' kunflitt fis-seħħ fil-ġurisdizzjoni u tal-lingwa tal-proċedura jiddependu b'mod partikolari fuq dawn il-konsegwenzi. [33]

104. Jekk il-qorti tar-rinviju, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, tikkonkludi li l-ftehim rigward il-ġurisdizzjoni territorjali u l-ftehim rigward il-ġurisdizzjoni internazzjonali ma humiex unità waħda mill-perspettiva ta' kontenut kif intenzjonat mill-partijiet, in-nuqqas ta' infurzabbiltà tal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali ma għandux ikollha impatt fuq il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali [34].

— Dwar in-natura abbużiva tal-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali

105. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, f'każ bħal dan, il-possibbiltà li l-ftehim rigward il-ġurisdizzjoni territorjali ikun ta' natura abbużiva ma għandhiex ikollha impatt fuq il-ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali. Dan iżda ma jistax jiġi totalment eskluż. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li huwa loġiku li l-qorti tar-riviju, f'dak li jikkonċerna l-ġurisdizzjoni territorjali, teżamina n-natura abbużiva tal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali, nixtieq niddiskuti fil-qosor il-kwistjoni tal-eżami tan-natura abbużiva tal-ftehim rigward il-ġurisdizzjoni territorjali.

33 — Fir-rigward ta' dan is-suġġett, ara Heinig, J. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31), p. 62 u 69.

34 — Min-naħa l-oħra, jekk il-qorti tar-rinviju kkonkludiet li l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali u l-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali jikkostitwixxu klawżola waħda, din il-klawżola ma tkunx vinkolanti fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13. F'dan il-każ tqum il-kwistjoni dwar jekk din il-klawżola unika tistax titqassar b'mod konformi u b'mod li l-element internazzjonali jibqa' validu. Il-fatt li l-bejjiegħ jew il-fornitur ma jkunx suffiċjentement skoraġġut milli juża klawżoli inġusti bħala prinċipju jimmilita kontra l-kompatibbiltà ta' tnaqqis skont l-Artikolu 6 tal-imsemmija Direttiva.

106. Bis-saħħa tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13, klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra r-rekwiżit ta' *bona fede*, toħloq żbilanċ sinjifikattiv fid-drittijiet u l-obbliġi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur. Konsegwentement, din id-dispożizzjoni tiddefinixxi biss b'mod astratt l-elementi li jagħtu natura abbuża lil klawżola kuntrattwali li ma kinitx is-suġġett ta' negozjar individwali [35]. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva jirreferi għal anness li jinkludi lista ta' klawżoli li jistgħu jiġu ddikjarati bħala abbużivi. Il-punt 1(q) ta' din il-lista jsemmi l-klawżoli li għandhom bħala għan jew effett li jeskludu jew ifixklu d-dritt tal-konsumatur li jieħu azzjoni legali jew jeżerċita kull rimedju legali ieħor, b'mod partikolari billi jobbliga lill-konsumatur jinterpella esklużivament qorti ta' arbitraġġ li ma hijiex koperta b'dispożizzjonijiet legali, filwaqt li jillimita indebitament l-motivi ta' prova disponibbli għall-konsumatur jew jimponu fuqu l-oneru tal-prova li, skont id-dritt applikabbli, għandu jkun responsabbiltà tal-parti l-oħra fil-kuntratt. Madankollu, din il-lista hija biss indikattiva u mhux eżawrjenti [36]. Fil-fatt, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk klawżola kuntrattwali partikolari għandhiex jew le natura inġusta, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13 jindika li r-risposta għandha tingħata fid-dawl tan-natura tal-beni u tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt u b'riferiment, fil-waqt tal-konklużjoni tal-kuntratt, għaċ-ċirkustanzi kollha li kienu preżenti meta ġie konkluż l-imsemmi kuntratt. F'dan il-kuntest, għandhom ukoll jiġu evalwati l-konsegwenzi li jista' jkollha klawżola fil-kuntest tad-dritt applikabbli għall-kuntratt, li jimplika eżami tas-sistema legali nazzjonali [37].

107. Fid-dawl tal-kuntest deskritt mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement tillimita ruħha, fir-rigward tad-domandi preliminari, li tinterpreta l-kriterji ġenerali użati mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jiddefinixxi il-kunċett ta' klawżoli abbużivi. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeterminaw in-natura abbużiva ta' klawżola b'kunsiderazzjoni għal dawn il-kriterji. Kif iddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba fil-ġurisprudenza reċenti tagħha, din is-separazzjoni ta' kompiti tapplika wkoll għall-eżami ta' klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni territorjali esklużiva [38].

108. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eżami

35 — Sentenza tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, Ġabra p. I-3403, punt 19).

36 — Ibidem, punt 20.

37 — Ibidem, punt 21.

38 — Ara sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon (C-243/08, Ġabra p. I-4713, punti 42 *et seq.*), u tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, Ġabra p. I-10847, punti 42 *et seq.*). F'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet mod ieħor minn dak li kienet iddeċidiet fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 à C-244/98, Ġabra p. I-4941, punti 21 *et seq.*), li tipprovdi li l-evalwazzjoni finali ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha għandha tkun possibbli jekk hemm inkwistjoni klawżola li tagħti vantaġġ lill-bejjiegħ jew lill-fornitur mingħajr korrispettiv għall-konsumatur, fid-dawl tal-fatt li, indipendentement mit-tip ta' kuntratt, hija tikkonfuta l-effikaċja tal-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li d-Direttiva 93/13 tirrikonoxxi lill-konsumatur.

tan-natura abbużiva ta' klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni territorjali esklużiva, qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li d-dehra quddiem il-qorti tal-konsumatur tista' tinvolvi spejjeż eċċessivi jekk il-qorti kkonċernata hija mbiegħda mid-domiċilju tal-konsumatur u l-kawża tinvolvi ammont zgħir ta' flus. F'dawn iċ-ċirkustanzi, klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali esklużiva tista' fil-fatt tirrendi iktar diffiċli d-dehra quddiem il-qorti tal-konsumatur u tista' wkoll twassal sabiex konsumatur jirrinunzja għal kollox li jinterpella kawża quddiem qorti jew li jkollu difiża [39].

109. F'każ bħal dan, ma hemmx inkwistjoni kawża li tinvolvi somma żgħira, iżda kawża li tinvolvi somma sostanzjali ta' CZK 4 383 584,60, flimkien mal-interessi. Konsegwentement, mir-rapport biss bejn l-ammont ta' flus involuti fil-kontroversja u l-ispejjeż li l-konsumatur ġarrab abbażi tal-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali għad-dehra tiegħu quddiem il-qorti, ma jistax jiġi konkluż li r-rimedji legali huma fil-fatt esklużi.

v) Konklużjoni

110. Madankollu, fl-eżami tan-natura abbużiva ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali, bħalma fil-każ inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li tali klawżola tippermetti lill-bejjiegħ jew lill-fornitur jiġbor l-kontenzjuż kollu marbut mall-attività professjonali tiegħu quddiem qorti waħda li ma hijiex dik fil-ġurisdizzjoni fejn huwa domiċiljat il-konsumatur. Anki jekk, f'każ bħal dak inkwistjoni, dan ma jinvolvix esklużjoni effettiva tar-rikors, xorta waħda jista' jirrendi diffiċli d-dehra quddiem il-qorti tal-konsumatur kif ukoll li jkollu iżjed spejjeż. Barra minn dan, tali klawżola tista' tiffaċilita l-organizzazzjoni tad-dehra quddiem il-qorti tal-bejjiegħ jew tal-fornitur b'inqas spejjeż [40].

111. Bħala konklużjoni intermedjarja, l-ewwel nett jeħtieġ li jiġi kkonstatat, li ftehim rigward ġurisdizzjoni internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001 jista' jirriżulta b'mod taċitu minn ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni territorjali, sa fejn jikkorrispondi mar-rieda tal-partijiet, li għandu jiġi ddeterminat mill-qorti nazzjonali.

39 — Sentenzi Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 22); Pannon (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 41) u VB Pénzügyi Lízing (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 54)

40 — Sentenzi Océano Groupo Editorial u Salvat Editores (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 23) u VB Pénzügyi Lízing (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 55).

112. It-tieni nett, in-nuqqas ta' infurzabbiltà ta' ftehim rigward ġurisdizzjoni territorjali minħabba n-natura abbużiva tiegħu fis-sens tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13 ma għandux impatt fuq il-validità ta' tali ftehim li jattribiwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali konkluż b'mod taċitu fl-istess waqt jekk dan jirriżulta mir-rieda tal-partijiet, liema rieda ma għandhiex tiġi preżunta.

c) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-lok ta' domiċilju tal-konsumatur skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 4/2001

113. Sa fejn il-qorti tar-rinviju ma tistax tibbaża l-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha fuq ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni konkluż bejn ir-rikorrenti u l-konvenut fil-kawża prinċipali, hija għandha tosserva l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 44/2001. Skont din id-dispożizzjoni, l-azzjoni kontra l-konsumatur tista' biss tiġi interpellata quddiem il-qrati tal-Istat Membru li fih huwa domiċiljat il-konsumatur. Huma meħtieġa żewġ rekwiżiti sabiex tiġi stabbiliti ġurisdizzjoni nazzjonali, waħda li jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tagħha u l-oħra li teskludieha.

114. L-ewwel nett, minn din id-disposizzjoni jirriżulta li qorti nazzjonali għandha ġurisdizzjoni internazzjonali meta l-konsumatur huwa domiċiljat fl-Istat Membru fejn tinsab il-qorti. Konsegwentement, qorti nazzjonali għandha l-ewwel nett tivverifika jekk il-konvenut huwiex domiċiljat fit-territorju tal-Istat Membru fejn tinsab il-qorti. Għal dan il-għan, u skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament Nru 44/2001, hija tapplika d-dritt tagħha.

115. F'dan ir-rigward, tqum il-kwistjoni dwar jekk jistax jirriżulta miċ-ċirkustanzi tal-konklużjoni tal-kuntratt, u b'mod partikolari mill-klawżola li permezz tagħha l-konvenut intrabat jikkomunika bidla fid-domiċilju lir-rikorrenti, li l-partijiet qablu li d-domiċilju ser ikun id-domiċilju tal-konvenut fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li l-ewwel nett jiġi kkonstatat li, skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament, id-domiċilju tal-konvenut għandu jiġi ddeterminat skont id-dritt nazzjonali u, konsegwentement, għandu bħala prinċipju jiġi ddeterminat mill-qorti tar-rinviju skont id-dritt nazzjonali. Fid-digriet tagħha ta' rinviju, il-qorti tar-rinviju diġà ddikjarat li l-konvenut fil-kawża prinċipali ma kellux domiċilju fit-territorju tar-Repubblika Ċeka. Fi kwalunwke każ, approċċ fejn jiġi dedott ftehim dwar bidla fid-domiċilju minn obbligu li tiġi nnotifikata bidla fid-domiċilju jidher li huwa diffiċilment konċiljabbli mar-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni. Sa fejn dan jinvolvi klawżola li tirriżulta mid-Direttiva 93/13, tali approċċ ma jistax ikun kompatibbli mar-rekwiżiti

ta' kjarezza u komprensibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13.

116. It-tieni nett, mill-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 44/2001 jirriżulta li l-qorti ta' Stat Membru ma għandhiex ġurisdizzjoni internazzjonali jekk il-konsumatur ikun domiċiljat fi Stat Membru ieħor. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju għandha wkoll tivverifika jekk il-konvenut fil-kawża prinċipali huwiex domiċiljat fi Stat Membru ieħor.

117. Fil-kuntest ta' dan l-eżami, il-qorti għandha tapplika d-dritt ta' dan l-Istat Membru, skont l-Artikolu 59(2) tar-Regolament.

118. Mill-Artikolu 26(1) tar-Regolament jirrizulta wkoll li l-qorti tar-rinviju hija obbligata twettaq dan l-eżami. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma tipprevedix l-obbligu li jsir eżami ħlief fis-sitwazzjoni fejn il-konvenut ikun domiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru. Għaldaqstant, l-għan ta' protezzjoni ta' din id-dispożizzjoni jeżiġi li tali obbligu jkun preżunt sakemm il-qorti tar-rinviju ma tkunx konvinta li l-konvenut mhux domiċiljat fi Stat Membru ieħor.

119. Ir-Regolament Nru 44/2001 ma jinkludix rekwiżiti oħra espressi rigward kif għandu jsir dan l-eżami. Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twieġeb, b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali applikabbli, għall-kwistjoni dwar jekk jeħtieġx li jigu stabbiliti l-fatti importanti f'dan ir-rigward, jekk l-oneru tal-prova fuq ir-rikorrenti jistax ikun eħfef għar-raġuni li l-konveut ma huwiex domiċiljat fi Stat Membru, u f'liema grad il-livell tal-prova jitqies li nkiseb sabiex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tqis bħala prova li l-konsumatur ma għandux id-domiċilju tiegħu fi Stat Membru ieħor [41].

120. Għaldaqstant, fl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, il-qorti tar-rinviju għandha tiżgura li l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 44/2001 jkollu l-effikaċja meħtieġa. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-għan ta' din id-dispożizzjoni, sabiex il-konsumatur ikun protett milli jitressaq quddiem qrati ta' Stat Membru ieħor li ma humiex dawk tad-domiċilju tiegħu. Barra minn dan, f'każ bħal dan għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konvenut ma awtorizzax lill-kuratur u li dan lanqas ma huwa ser jikseb informazzjoni

41 — Queirolo, I., f'Mangus, U., u Mankowsky, P. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22); Mankowsky, P., f'Rauscher, T. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 26, punt 5.

mill-konvenut. F'tali każ, il-qorti nazzjonali ma hijiex marbuta bl-informazzjoni pprovduta mir-rikorrenti. Il-qorti ma tistax terġa' tibda tisma' l-kawża bla ma teżamina l-informazzjoni fir-rikors u jkollha tevalwa sew il-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha [42].

121. Jekk il-qorti ta' rinviju ma tistax tippresuponi, biċ-ċertezza mitluba mid-dritt proċedurali nazzjonali applikabbli, li konsumatur mhux domiċiljat fi Stat Membru ieħor, hija jkollha l-obbligu li tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 26(1) tar-Regolament Nru 44/2001. Dan japplika wkoll meta l-qorti taħtar kuratur għall-konvenut skont disposizzjoni bħall-Artikolu 29(3) tal-OSŘ.

d) Fuq l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 44/2001

122. Jekk il-qorti tkun konvinta li l-konvenut fil-kawża prinċipali la huwa domiċiljat fir-Repubblika Ċeka u lanqas fi Stat Membru ieħor, il-kwistjoni tqum dwar liema huma l-kriterji li jirregolaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali f'tali każ.

123. *De lege ferenda* jeżistu diversi possibbiltajiet f'dan il-kuntest. Ikun konċepibbli li minflok id-domiċilju, tittieħed bħala bażi r-residenza abitwali tal-konvenut jew ġurisdizzjoni ta' emerġenza tal-qrati tal-Istat Membru kkonċernat [43]. *De lege lata* każ bħal dan jidher madankollu li huwa previst fl-Artikolu 4 (1) tar-Regolament Nru 44/2001. Skont din id-dispożizzjoni, il-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' qorti, f'każ fejn il-konvenut ma huwiex domiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru, hija rregolata bil-liġijiet tagħha stess.

124. Jekk japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 44/2001, ikun kompatibbli mar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament li l-qorti tar-rinviju taħtar kuratur għall-konvenut skont ir-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament, b'applikazzjoni ta' dispożizzjoni bħall-Artikolu 29(3) tal-OSŘ u li tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tad-dritt nazzjonali.

3. Konklużjoni

125. F'każ bħal dan, il-kontinwazzjoni tal-proċedura kontra l-konvenut hija kompatibbli mar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 meta l-qorti tar-rinviju għandha ġurisdizzjoni, jew abbażi ta' ftehim li

42 — Mankowsky, P., f'Rauscher, T. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 26, punt 6.

43 — Fuq l-approċċi possibbli, ara Staudinger, A., f'Rauscher, T. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), Artikolu 59, punt 8, u Kropholler, J. (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22), Artikolu 59, punt 9.

jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament, jew abbażi tal-liġijiet tagħha stess bis-saħħa tal-Artikolu 4 tar-Regolament. L-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament tippressuponi li li l-qorti tar-rinviju, permezz ta' eżami li għandha l-obbligu li twettaq skont l-Artikolu 26(1) tar-Regolament, waslet sabiex tikkonkludi li l-konvenut la huwa domiċiljat fl-Istat Membru tiegħu stess u lanqas fi Stat Membru ieħor.

C — *Rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-konvenut*

126. Fl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 29(3) tal-OSŘ, flimkien mar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet tad-difiża tal-konvenut. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn żewġ sitwazzjonijiet.

127. Fl-ewwel sitwazzjoni, il-qorti, fil-kuntest tal-eżami tal-ġurisdizzjoni tagħha ma tasalx għall-konklużjoni li l-konvenut huwa domiċiljat fi Stat Membru ieħor. Din tkun is-sitwazzjoni meta l-qorti tibbaża l-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha fuq ftehim fis-sens tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001 mingħajr ma tivverifika fejn huwa domiċiljat il-konvenut. F'din is-sitwazzjoni, il-qorti tar-rinviju jkollha tieħu inkunsiderazzjoni l-Artikolu 26(2) tar-Regolament. Skont din id-dispożizzjoni, il-qorti għandha tissospendi l-proċeduri sakemm jiġi stabbilit li l-konvenut ġie nnotifikat bir-rikors fi żmien debitu sabiex ikollu difiża jew li ttieħdu l-miżuri kollha ta' diliġenza għal dan il-għan. Fil-fatt, l-Artikolu 26(2) tar-Regolament ma japplikax ħlief meta l-konvenut ikun domiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru. Madankollu, għar-raġunijiet diġà ċċitati [44], din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpetata b'kunsiderazzjoni għall-għan tagħha ta' protezzjoni, fis-sens li l-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tagħha sakemm tkun konvinta li l-konvenut mhux domiċiljat fi Stat Membru ieħor.

128. Fid-dawl tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 44/2001, il-qorti tista' tissokta bil-proċedura meta l-konvenut jircievi l-petizzjoni fi żmien debitu li fih jista' jkollu difiża. Din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex il-konveut ikun jista' jiddefendi lilu nnifsi b'mod xieraq.

44 — Ara l-punt 118 ta' dawn il-konklużjonijiet.

129. Bħala prinċipju, in-notifika ta' rikors lil kuratur maħtur minn qorti mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konvenut ma tosservax dawn il-kundizzjonijiet [45]. Għar-raġunijiet diġà esposti hawn fuq [46], f'sitwazzjoni bħal din il-konvenut ġeneralment ma jingħatax garanzija ta' difiża xierqa.

130. Barra minn dan, fid-dawl tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 44/2001, il-qorti tar-rinviju tista' wkoll tissokta bil-proċedura meta jkunu ttieħdu l-mizuri kollha neċessarji sabiex il-konvenut ikollu difiża. Konsegwentement, ma huwiex mandatorju li l-konvenut ikun effettivament irċieva r-rikors sabiex dan ikun jista' jiddefendi ruħu b'mod xieraq. Konsegwentement, l-Artikolu 26(2) tar-Regolament Bħala prinċipju ma jmurx kontra dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 29(3) tal-OSŘ li jipprovdi ħatra ta' kuratur għal konvenut li d-domiċilju tiegħu ma huwiex magħruf. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha tiżgura li, l-ewwel u qabel kollox, ikun saru r-riċerki kollha meħtieġa mill-prinċipji ta' diliġenza u *bona fide* biex jinstab il-konvenut. [47] F'dan il-kuntest, għandhom jiġu applikati rekwiżiti simili għal dawk li l-Artikolu 16(2) tar-Regolament jimponi għall-eżami tal-kwistjoni dwar jekk il-konvenut huwiex domiċiljat fi Stat Membru ieħor. Konsegwentement, nixtieq nirreferi għall-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 116 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet, b'mod partikolari fil-punt 120.

131. Tali interpretazzjoni tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament Nru 44/2001 hija wkoll kompatibbli mad-dritt tal-konvenut li jkollu difiża, rikonoxxut fid-dritt primarju, fl-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-fatt, in-notifika ta' rikors lil kuratur maħtur mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konvenut taffettwa d-dritt tal-konvenut kif rikonoxxut fl-Artikolu 47(2) tal-Karta, Dan il-ksur madankollu ġġustifikat fir-rigward tad-dritt tar-rikorrent għal protezzjoni effettiva iggarantita fl-Artikolu 47(1) tal-Karta [48]. Jekk rikorrent ma jirnexxilux jinterpella appell kontra l-konvenut li ma setax jinstab minkejja r-riċerki kollha li saru, kif rikjest mill-prinċipji ta' diliġenza u ta' *bona fide*, id-dritt tar-rikorrent għal protezzjoni xierqa jiġi

45 — Skont ir-rapport Jenard (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, p. 40), il-kundizzjoni hija li n-notifika ta' rikors tkun saret lill-konvenut personalment fid-domiċilju tiegħu. Min-naħa l-oħra, ma huwiex neċessarju li l-konvenut effettivament jiġi nnotifikat bir-rikors fi żmien xieraq.

46 — Ara l-punt 81 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 — Ara p. 40 tar-rapport Jenard (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14).

48 — Fuq il-kundizzjonijiet tal-ġustifikazzjoni ta' tali ksur, ara l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kif ukoll is-sentenza tat-2 ta' April 2009, Gambazzi (C-394/07, Gabra p. I-2563, punti 28 *et seq*.).

mminat. Barra minn hekk, dan jista' jintuża b'mod abbużiv meta persuna li tkun s-suġġett ta' rikors tabbanduna intenzjonalment id-domiċilju tagħha jew tbiddel id-domiċilju tagħha fuq bażi regolari [49].

132. Min-naħa l-oħra, fit-tieni sitwazzjoni, l-Artikolu 26(2) tar-Regolament ma japplikax awtomatikament. Dan huwa l-każ meta l-qorti tar-rinviju ma tibbażax il-ġurisdizzjoni tagħha fuq ftehim li jattribwixxi ġurisdizzjoni internazzjonali b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001, iżda fuq id-dritt intern tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament. L-Artikolu 4 tar-Regolament jippressupponi li l-konvenut ma huwiex domiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru. Madankollu, l-Artikolu 26(2) tar-Regolament ma japplikax, skont il-formulazzjoni tiegħu, ħlief meta l-konvenut ikun domiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru. F'dan il-kuntest, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 26(2) tar-Regolament għandux jigi applikat b'analogija fir-rigward tad-drittijiet tad-difiża skont l-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jew jekk l-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandux japplika awtomatikament [50].

133. Għall-finijiet tal-kawża preżenti, ma huwiex neċessarju li dawn il-kwistjonijiet jiġu kkunsidrati fid-dettall. Fil-fatt, l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 44/2001 ma japplikax ħlief meta l-qorti tar-rinviju tkun l-ewwel u qabel kollox waslet għall-konklużjoni li l-Artikolu 16(2) ma jipprekludix dan. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju jkollha tipproċedi għall-eżami diġà deskritt fil-punti 116 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet, b'mod partikolari fil-punt 120. Dan l-eżami jistipula kundizzjonijiet simili għal dawk fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament jew l-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Konsegwentement, il-qorti tar-rinviju tkun diġà ssodisfat ir-rekwiżiti stipulati minn dawn id-dispożizzjonijiet fil-kuntest tad-determinazzjoni tad-domiċilju.

49 — Queirolo, I., f'Magnus, U., u Mankowski, P. (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22), Artikolu 26, punt 20.

50 — Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt fundamentali tal-Unjoni għandu jkun applikabbli f'każ bħal dak inkwistjoni, li fih ċittadin ta' Stat Membru ieħor jeżerċita d-drittijiet tiegħu għal moviment liberu. L-Artikolu 51(1) tal-Karta, li jipprovdi li huma biss il-korpi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri li huma marbuta bid-drittijiet fundamentali, lanqas ma jista jipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 47(2) tal-Karta. Il-kawża inkwistjoni fil-fatt tikkonċerna dritt relatat mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u għalhekk ir-relazzjoni bejn ċittadin u l-qrati ta' Stat Membru.

VII — Konklużjoni

134. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari bil-mod li ġej:

1) L-applikazzjoni ta' regoli ta' ġurisdizzjoni previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, tippressupponi sitwazzjoni fejn il-ġurisdizzjoni nazzjonali tista' tqajjem domandi dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali. Tali sitwazzjoni sseħħ, bħal f'dan il-każ, meta jitressaq rikors quddiem qorti ta' Stat Membru kontra ċittadin ta' Stat Membru ieħor li, fil-passat, kien domiċiljat fl-Istat Membru fejn tinsab il-qorti, iżda li d-domiċilju preżent tiegħu ma huwiex magħruf mill-qorti tal-Istat Membru.

2) Ir-Regolament Nru 44/2001 bħala prinċipju ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' regola nazzjonali bħall-Artikolu 29(3) tal-Obcansky soudni rad Tcheque, li jipprevedi l-possibbiltà li jinħatar kuratur għall-konvenut li d-domiċilju tiegħu ma huwiex magħruf. Madankollu, fil-kuntest tal-applikazzjoni tiegħu, għandhom jiġu osservati r-rekwiżiti stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, li jirriżultaw b'mod partikolari mir-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 u mid-drittijiet tad-difiża tal-konvenut.

3) L-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jigi interpretat fis-sens li huwa applikabbli fil-qasam ta' kuntratti konklużi mal-konsumaturi skont is-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II. Id-dehra quddiem il-qorti ta' kuratur maħtur mingħajr il-kunsens u l-għarfien tal-konvenut madankollu ma tikkostitwixxix dehra quddiem il-qorti tal-konvenut fis-sens ta' din id-disposizzjoni u għaldaqstant ma tistax tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tal-qorti li quddiemha jidher il-kuratur.

4) Sa fejn ftehim rigward il-ġurisdizzjoni territorjali ta' qorti jistabbilixxi wkoll li l-intenzjoni tal-partijiet li jikkonkludu ftehim taċitu rigward il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati tal-Istat Membru kkonċernat, tali ftehim taċitu jista' jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' qorti ta' dan l-Istat Membru skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 44/2001. In-nuqqas ta' infurzabbiltà tal-ftehim rigward il-ġurisdizzjoni territorjali minħabba n-natura abbużiva tiegħu abbaži tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar il-klawżoli abbużivi fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi generalment ma għandhiex impatt fuq il-ftehim rigward il-ġurisdizzjoni internazzjonali, sakemm il-partijiet ma jkunux ftiehmu mod ieħor.